**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Frar, 2017**

**Rikors Nru: 15/10 MLF**

**Consolidated Biscuit Co. Ltd.**

**Vs.**

**Korporazzjoni Enemalta u b'nota tal-10 ta' Settembru, 2014, is-socjeta Enemalta plc assumiet l-atti ta' dina l-kawża minflok il-Korporazzjoni Enemalta**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-soċjetà attriċi Consolidated Biscuit Co Ltd li permezz tiegħu talbet li l-Korporazzjoni Enemalta tiġi kkundannata tirrifondilha s-somma ta' ħamest elef tminn mija u tlieta u għoxrin Ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu, (Eur 5,823.43), rappreżentanti depożitu mħallas taħt protest mis-soċjetà attrici favur il-Korporazzjoni konvenuta, bl-iskop li l-istess Korporazzjoni intimata ma twaqqafx il-provvista tal-elettriku favur is-soċjetà rikorrenti, wara li l-istess Korporazzjoni intimata kienet qiegħda tagħmel allegazzjoni fis-sens li s-soċjetà rikorrenti baghbset illegalment il-*meter* tal-elettriku relattiv, u liema allegazzjoni wara rriżultat infondata, u dana kif kollu se jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Illi minkejja li l-Korporazzjoni intimata ġiet interpellata sabiex tagħmel ir-rifużjoni relattiva, anke permezz ta' ittra legali tal-20 ta' April 2007, hija baqgħet inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-20 ta' April 2007, u bl-imgħax kummerċjali dekorribbli mid-data li s-soċjetà rikorrenti għamlet il-ħlas relattiv, u cioè fit-12 ta' Marzu 2002, sad-data tal-ħlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-Korporazzjoni konvenuta.

Rat ir-risposta tal-Korporazjzoni konvenuta fejn eċċepiet:

Illi l-azzjoni hi preskritta ai termini tal-Artikolu 1027 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost u b'riserva għal ammonti oħrajn li jistgħu jkunu dovuti d-depożitu sar a bazi ta' konsum mhux reġistrat ta' elettriku fil-fond in kwistjoni u kien interament dovut.

Illi l-pretensjonijiet tal-atturi fil-konfront tal-Korporazzjoni Enemalta huma infondati kemm fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra Consolidated Biscuit Co. Ltd (C5600) stante li l-Korporazzjoni m'għandha tagħti xejn u s-somma pretiża mhijiex dovuta;

Illi għaldaqstant it-talbiet atturi fil-konfront tal-Korporazzjoni Enemalta għandhom jiġu miċħuda.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha ppreżentati;

Semgħet it-trattazzjoni finali orali tal-avukat difensur tas-soċjeta' attriċi u tal-prokuratur legali tal-konvenuta;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok għal dawn il-proċeduri huma s-segwenti:

1. Fit-8 ta' Marzu 2002 saret *surprise inspection* fil-fabbrika tas-soċjeta' attriċi minn uffiċjali tal-Korporazzjoni konvenuta – senjatament Mario Cassar u David Camilleri, u dan bl-għan li tittieħed il-*maximum demand reading* tal-*meter* tas-soċjeta attriċi.
2. Għal din is-spezzjoni kien hemm preżenti wkoll rappreżentanti tas-soċjeta' attriċi, Joe Grima, il-maintenance manager, Silvio Desira, il-*Financial Controller,* u Joseph Pace, direttur.
3. Waqt l-istess spezzjoni ufficjali tas-socjeta konvenuta issuspettaw li iz-zewg sigilli blue ta' mal-base cover kienu mbaghbsa, sar rapport lill-Pulizija u infethet inkjesta mill-Magistrat tal-ghassa, li hatar lill-Hugh Camilleri bhala espert.
4. Il-meter gie spezzjonat mill-istess zewg ufficjali tal-Korporazzjoni konvenuta fil-prezenza tal-espert mahtur mill-Magistrat Inkwerenti u tal-ufficjali tas-socjeta attrici.
5. L-ufficjali tas-socjeta konvenuta, u l-espert Hugh Camilleri waslu ghall-istess opinjoni u konkluzjoni, u cioe illi l-wire ta' fuq il-current transformer tar-Red Phase min-naha tal-bieba lejn il-meter kellu il-vit tieghu mahlul kollu. B'hekk dan il-wire ma kienx qieghed jaghmel kuntatt ta' kontinwazzjoni lejn il-meter. Dan kien fuq il-post maghruf bhala S1 connection. Meta l-connection ta' fuq il-plastic connector ta l-S1 Red Phase giet issikkata bil-vit li instab mahlul, il-hoss li kien hemm fuq il-current transformer waqaf. Id-diska fuq ir-Red Phase giet iccekkjata u instabet illi din kienet iddur u ghalhek regghet bdiet tirregistra konsum.[1]
6. Din il-Qorti se tirriproduci l-parti rilevanti tar-rapport tal-espert Hugh Camilleri fl-inkjesta, li huwa persuna indipendenti:

   *"Dan il- meter kellu z-zewg sigilli blue tal-base cover jidhru msahhnin u mbaghbsin. ... ... Is-sigilli l-ohrajn kienu kollha ntatti, inkluzi t-tnejn il-blue tal-bieba tal-cubicle. Fil-base cover tal-meter kien kollox sew pero meta gie ppruvat il-meter phase, instab li fuq il-yellow u blue phase dan kien qed idur waqt li fuq ir-red phase ma kienx. Dan instab li kellu loose connection fuq gewwa tal-bieba. Il-parti ta' fuq tal-cubicle kienet maqlugha mill-pop revets taghha b'mod li setghet titressaq. Dan il-meter kellu hoss li meta gie connected ir-red phase waqaf. Il-parti mwahhla mal-hajt ma kellhix toqob tal-pop rivets. ... ...*

   *It-tielet punt huwa li l-meter gie mibdul fl-1997. Dan jelimina kull dubbju li s-sigilli tal-base cover kienu mbaghbsin qabel. L-esponent jghid li is-sigilli l-blue biss tal-*

[1] Ara rapport tal-Ufficjali tal-Korporazzjoni konvenuta a fol. 48-49 tal-process.

*base cover ghaliex huma dawn li jigu mibdula meta jinbidel il-meter. Dan ifisser li l-wires tar-red phase m'ghandhux x'jaqsam mal-meter innifsu, ghalkemm l-esponent jipprezumi li meta jinbidel meter jigi ccekkjat fuq il-phases kollha meta jitpogga. Jekk il-phases kollha taw rizultat tajjeb allura dan ifisser li r-red phase tbaghbas wara.*

*Minn dak li sab fil-meter, l-esponent ukoll ikkonkluda xi punti. L-ewwel punt huwa dwar is-sigilli l-blue tal-base cover. Il-fatt li dawn kienu mbaghbsin pero gol base kien kollox sew jista' jindika f'dan is-sens sar biss attentat. It-tieni punt huwa dwar is-sigilli tal-cubicle li kienu ntatti. L-esponent jirrileva li ma kienx hemm bzonn illi dawn jitbaghbsu fid-dawl tal-fatt li l-cuvicle kienet tinfetah liberalment fil-parti ta' fuq taghha. It-tieni punt huwa li l-pjanca ta' din il-parti ma kellhiex pop rivets. Dan ifisser li din ma kiniet tal-Enemalta. It-tielet punt huwa li r-red phase wire kien l-aktar wiehed l-isfel u difficli biex jintlahaq. Hawn l-esponent jirreleva li jista' jkun li kien difficli li dan jitlahaq pero min-naha l-ohra ma jeskludix li seta' dan sar bi skop li jkun aktar difficli li jindundaw bih. Ir-raba' punt huwa dwar il-hoss li kien jinstema'. Il-fatt li meta gie mqabbad sew ir-red phase waqaf jindika minn fejn kien gej.*

*4. Minn dak li rrizulta fil-bench test irrizulta li bhala meter kien qed jaqra sew, pero meta giet terminate l-connection tar-red phase, dan irrizulta f'telf ta' madwar terz tal-kurrent.*

*5. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-esponent ikkonkluda li hemm ragunijiet bizzejjed ghal azzjoni kriminali kontra Joseph Pace. … …"*[2]

7. Fis-17 ta' Marzu 2002 (disat (9) ijiem wara l-ispezzjoni), il-korporazzjoni konvenuta biddlet il-meter tas-socjeta attrici, u minn dik id-data l-konsum tal-elettriku ghola konsiderevolment.

8. Is-socjeta attrici allegat li l-konsum tal-elettriku ghola mis-sena 2002 il-quddiem peress li kienet ġiet introdotta linja ġdida ta' produzzjoni fil-fabbrika, u cioe bdiet

[2] Ara r-rapport a fol. 71 tal-process.

timmanifattura wkoll il-*croissants*.[3] Is-soċjeta' attriċi pero' żiedet ukoll illi jekk, għall-argument, kien hemm xi irregolaritajiet fil-*metre* tagħha, dawn kienu frott ta' żball da parti tat-*technician* li nbagħat mis-socjeta konvenuta fl-1997 li kien responsabbli għall-installazzjoni tal-*meter* il-ġdid u mhux tort tas-soċjeta attriċi. [4]

9. Minħabba dawn l-irregolaritajiet li instabu fil-*meter* tas-soċjeta' attriċi, il-korporazzjoni konvenuta ordnat lis-soċjeta attriċi sabiex tħallas depożitu ta' elfejn u ħames mitt Lira Maltin (Lm 2,500), ekwivalenti għal ħames t'elef, tmien mija tlieta u għoxrin Ewro u tlieta u erbgħin Ewro ċenteżmi (€5,823.43), u infurmatha li jekk dan id-depozitu ma jithallasx kien se jinqata' is-servizz tal-elettriku fil-fabbrika in kwistjoni taht protesta, fil-11 ta' Marzu 2002.[5]
10. Sussegwentement ittieħdu proċeduri kriminali mill-Pulizija kontra Joseph Pace, il-*Managing Director* tas-soċjeta' attriċi fuq tbaghabis ta' meter u serq ta' kurrent elettriku, imma hu gie liberat mill-imputazzjonijiet li saru fil-konfront tiegħu.[6]
11. Is-soċjeta' attriċi qegħdha tippretendi li ladarba id-direttur taghha ma nstabx hati fil-proceduri kriminali li ttiehdu kontrih, id-depożitu li hija hallset għandu jintradd lura mentri l-konvenuta qegħdha tirrifjuta li tħallas dan id-depożitu lura lis-soċjeta' attriċi, ghax qed tippretendi hlas ta' LM14,989.50 minghand is-socjeta attrici, rapprezenanti telf ta' circa 33% tal-elettriku ikkunsmat ghall-perjodu bejn l-20 t'Ottubru 1999 u t-8 ta' Marzu 2002. [7]

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

*Eċċezzjoni Preliminari – Il-Preskrizzjoni taht l-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili*

Qabel, tikkunsidra l-meritu, din il-Qorti trid l-ewwel ser tikkunsidra l-eċċezzjoni preliminari tal-korporazzjoni konvenuta fir-risposta taghha, u cioe dik tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili.

[3] Ara x-xhieda ta' Joseph Pace, il-*Managing Director* tas-soċjeta' attriċi, tat-12 ta' Mejju, 2010 li tinsab a fol 13 tal-proċess. Ara wkoll l-ittra li ntbagħtet minn Joseph Pace fl-14 ta' Jannar 2009 u li tinsab a fol 22 tal-proċess.
[4] Ara l-ittra li nbagħtet minn Joseph Pace, il-*Managing Director* tas-soċjeta' attriċi fil-11 ta' Marzu, 2002 u li tinsab a fol 15 tal-proċess.
[5] Ara fol. 15 tal-process.
[6] Ara s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Miriam Hayman) fit-23 ta' Marzu, 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Sp. Raymond D'Anastas) v. Joseph Pace**, a fol. 27 *et seq.* tal-process.
[7] Ara ittra tal-20 ta' Dicembru 2008 a fol. 20 *et seq.* tal-process.

L-Artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili jippreskrivi hekk:

"***1027.*** *L-azzjoni biex jintalab lura dak li jkun ingħata mingħajr ma kien imiss, meta ma tkunx waqgħet bil-preskrizzjoni bis-saħħa tad-disposizzjonijiet miġjuba taħt it-titolu dwar il-preskrizzjoni, taqa' bil-preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn minn dak in-nhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-iżball.*"

Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-Artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili m'huwiex applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern u dan minħabba l-fatt li l-artikolu msemmi jolqot l-azzjoni bażata fuq il-kważi-kuntratt ta' min ikun ħallas bi żball.[8] Fil-kaz odjern, il-korporazzjoni konvenuta stess tammetti f'wahda mill-ittra taghha tal-1 ta' Lulju 2002, li d-depozitu *"was demanded in accordance with article 8 of the Electricity Supply Regulations."*[9] Ghalhekk id-depozitu thallas, in forza ta' ordni tal-korporazzjoni konvenuta mahrug in forza tal-ligi, ai termini ta' dan ir-Regolament – li se jigi riprodott aktar l-isfel.

Ghalhekk, is-socjeta attrici ma hallsitx dan id-depozitu bi zball, imma kienet kostretta thallas dan id-depozitu – anke jekk taht protesta – sabiex il-korporzzjoni konvenuta ma twaqqafx il-provvista tal-elettriku favur is-soċjeta attriċi.

Fid-dawl tas-suespost, din l-eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni abbażi tal-Artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili qiegħda tiġi respinta.

*Il-Meritu*

Fit-trattazzoni orali tiegħu, l-abbli difensur tas-soċjeta' attriċi argumenta illi peress li fit-18 ta' Ġunju 2007 is-soċjeta' attriċi naqqset l-ammont ta' Lm4387.20, rapprezentanti l-ammont tad-depozitu u xi spejjez ohra li kienet ghamlet in konnessjoni ma din il-kwistjoni, minn invoice li kienet baghtitilha is-socjeta attrici ghall-ammont ta' Lm7556.23, u baghtet cekk ta' Lm3169.03 *in full and final settlement,*[10] u peress li dan ic-cekk gie msarraf,[11] il-

[8] Ara s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju, 2014 fl-ismijiet **John Camilleri et vs. Philip Attard**.
[9] Ara fol. 17 tal-process.
[10] Ara fol. 35 u 39 tal-process.
[11] Ara fol 40 tal-proċess.

korporazzjoni konvenuta kienet allura rrinunzjat għall-ammont ta' Lm5387.20, li fih hemm inkluz l-ammont tad-depozitu.

Din il-Qorti tosserva li fl-ewwel lok l-ittra u c-cekk fuq imsemija intbaghtu mis-socjeta attrici lill-Water Services Corporation, li dak iz-zmien kienet tiehu hsieb il-gbir tal-ammonti dovuti lill-korporazzjoni konvenuta. Fit-tieni lok, malli l-korporazzjoni konvenuta indunat b'din it-tpacija li kienet ghamlet is-socjeta attrici, hija mill-ewwel (fit-18 ta' Lulju 2007) kitbet lis-socjeta attrici u infurmata li din it-tpacija ma kienitx qed tigi accetataha u ordnatilha biex thallas l-ammont ta' LM7556.23 fl-intier tieghu, altrimenti kienet se tipprocedi kontriha skond il-ligi.[12] Fil-fatt is-socjeta attrici kienet effettivament hallset il-bilanc ta' dan l-ammont.[13]

Minn analiżi tal-ġurisprudenza mogħtija mill-Qrati Maltin fuq din il-kwistjoni, partikolarment is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Novembru, 2012 fl-ismijiet **Peter u Madeleine, konjugi, Vella de Fremeaux vs. Eagle Star (Malta) Limited (C-104) pro et noe et** gie ritenut illi *"l-kreditur m'ghandux dritt ibiddel unilateralment il-modalita ta' pagament offrut lilu mid-debitur; u ghalhekk m'huwiex legalment konsentit li, min jaccetta pagament kondizzjonat bi kliem li inekwivokabbilment ifissur li dak il-pagament kien qed jigi effttwat ghas-saldu, ibiddel il-modalita ta' dak il-pagament."* Pero dik il-Qorti irrikonoxxiet ukoll li jistghu jezistu cirkostanzi li jwasslu lill-Qorti gudikanti biex tiddipartixxi minn dan il-principju, f'kazijiet eccezzjonali li l-fattispecje taghhom manifestament jirrendu dan il-principju inapplikabbli.

Fl-opinjoni tal-Qorti dan huwa wiehed minn dawn il-kazijiet eccezzjonali ghaliex fl-ewwel lok, il-pagament ma giex offrut lill-korporazzjoni konvenuta direttament imma lil entita terza li kienet qed tiehu hsieb tigbor il-krediti taghha, u malli l-korporazzjoni konvenuta giet a konoxxenza tat-tpacija li ghamlet is-socjeta konvenuta, hi mill-ewwel infurmatha, li jekk ma kinitx se thallas il-bilanc tal-kont in kwistjoni, kienet se tipprocedi kontra taghha skond il-ligi. B'hekk il-korporazzjoni konvenuta irrifjutat li taccetta li dak il-pagament sar ghas-saldu, u fil-fatt is-socjeta attrici ma baqghatx tinsisti fuq il-pretensjoni taghha li l-pagament sar ghas-saldu, imma hallset il-bilanc.

[12] Ara fol. 19 tal-process.
[13] Ara xhieda ta' Joseph Pace a fol. 13 tal-process.

Konsegwentement, din is-sottomissjoni tas-socjeta attrici li l-korporazzjoni konvenuta irrinunzjat ghad-depozitu, hija legalment u fattwalment infondata.

Il-Qorti issa ser tghaddi biex tezamina t-talba tas-socjeta attrici fir-rikors promotur fil-meritu. Kif qalet hi stess fl-ittra mibghuta minghand il-konsulent legali taghha, il-korporazzjoni konvenuta talbet id-depozitu a bazi tar-Regolament 8 tar-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku (L.S. 545.01) tal-Kap. 545 tal-Liġijiet ta' Malta.[14] Dan ir-regolament jippreskrivi hekk:

"*8. Qabel ma jingħata l-kurrent akkont ta' konsumatur, jew f'xi żmien wara, iċ-Ċhairman jista' jordna lil dan il-konsumatur biex iqiegħed fl-Uffiċċju somma ta' flus li għandha tiġi ffissata miċ-Ċhairman bħala pleġġ għall-ħlas regolari tal-ammonti kollha li jkollhom jingħataw lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għall-provvista tal-kurrent elettriku akkont ta' dan il-konsumatur."*

Is-soċjeta' attriċi qed tissottometti li hi għandha dritt tiġi rifuża l-ammont tad-depożitu li kienet ħallset lill-korporazzjoni konvenuta taht protesta u dan billi d-direttur taghha Joseph Pace gie liberat fil-proceduri kriminali li ttiehdu kontrih fejn gie allegat li hu kien baghbas mal-meter tal-elettriku in kwistjoni u seraq kurrrent elettriku.

Is-soċjeta' attriċi ma kkontestatx li hi giet ordnata thallas dan id-depozitu ghab-bazi tar-Regolament fuq imsemmi, u ma saret l-ebda allegazzjoni u wisq inqas ingiebet xi prova, li kien sar xi ftehim mal-korporzzjoni konvenuta, li jekk id-direttur taghha johrog liberat fil-proceduri kriminali, id-depozitu kien se jigi rifuz lilha.

Il-Qorti ser ticcita regolamenti ohra f'dawn ir-Regolamenti li jincidu direttament fuq il-kaz in ezami u cioe is-segwenti:

*"9. Is-somma, li titqiegħed skond ma jingħad fl-artikolu ta' qabel dan, tingħata lura lil min ikun qiegħdha bħala depożitu malli dan ma jibqax konsumatur, kemm-il darba l-ammonti kollha, li għandhom jingħataw lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għall-provvista tal-kurrent elettriku akkont ta' din il-persuna jkunu tħallsu. [sottolinear ta' din il-Qorti]*

[14] Ara l-ittra mingħand l-avukat difensur tal-konvenuta indirizzata lill-avukat difensur tas-soċjeta attriċi tal-1 ta' Lulju 2002 li tinsab a fol 17 tal-proċess. Ara wkoll ir-rapport tal-ispezzjoni li sar fit-8 ta' Marzu 2002 fin-12.30 pm u li jinsab a fols 45 sa 50 tal-proċess – ara, b'mod partikolari, fol 46 tal-proċess. Dan ir-rapport ġie kkonfermat fit-totalita' tiegħu minn David Camilleri, is-*Senior Distribution Tradesman* tal-konvenuta, fix-xhieda tiegħu mogħtija fl-14 ta' Settembru, 2011 u li tinsab a fol 51 tal-proċess.

*10. Iċ-Ċhairman jista' minflok ma jordna li jsir depożitu, kif hemm stabbilit fir-regolament 8, jordna lill-konsumatur iġib garanzija minn persuna oħra, li togħġob liċ-Ċhairman, sabiex din tintrabat in solidum flimkien mal-konsumatur, għall-ħlas regolari tal-ammonti kollha li jkollhom jingħataw lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għall-provvista tal-kurrent elettriku, akkont ta' dan il-konsumatur.*

...

*67. Jekk kont jew talba għall-ħlas, debitament preżentata lill-konsumatur, ma titħallasx fi żmien erbatax-il jum minn mindu tiġi preżentata, jew jekk id-depożitu meħtieġ skond ir-regolament 8 ma jsirx fi żmien erbatax-il jum minn meta ssir dik it-talba, il-provvista tal-kurrent f'dak il-kont u f'kull kont ieħor li jkun f'isem l-imsemmi konsumatur tista' tiġi sospiża mingħajr ma jingħata ebda avviż minn qabel.*"

Fid-dawl ta' dawn ir-regolamenti, il-Qorti tasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

1. Il-korporazzjoni konvenuta aġixxiet in pjena regola u skond kif inhi awtorizzata bil-liġi stess meta talbet il-ħlas ta' depożitu mingħand is-soċjeta' attriċi. Wara l-ispezzjoni li saret fit-8 ta' Marzu 2002, il-konvenuta waslet għall-konklużjoni, illi minħabba l-irregolaritajiet li nstabu fil-meter tas-soċjeta' attriċi, is-soċjeta' attriċi ma kinitx ħallset l-ammont ta' Lm16,264.42c għall-kurrent elettriku li kkonsmat.[15] Dan l-ammont gie sussegwentement marginalment ridott, ghall-ammont ta' Lm14, 989.50. Fid-dawl anke tal-konkluzjonijiet tal-espert mahtur mill-Magistrat Inkwerenti fuq citati, il-korporazzjoni konvenuta agiet ragonevolment meta talbet depozitu bhala garanzija għall-ħlas regolari tal-ammonti kollha li ghandhom jew ikollhom jinghatawlha mis-socjeta attrici, ghall-konsum tal-elettriku, partikolarment, ghat-telf ta' terz ta' konsum tal-elettriku ghal perjodu ta' zmien.

2. Il-korporazzjoni konvenuta agixxiet in konformita mal-ligi meta avzat lis-socjeta attrici li jekk ma kinietx se thallas dan id-depozitu, kienet ser tissospendi is-servizz tal-kurrent elettriku.

[15] Ara l-ittra li ntbagħtet mill-avukat difensur tal-korporazzjoni konvenuta fl-1 ta' Lulju, 2002 lill-avukat difensur tas-soċjeta' attriċi u li tinsab a fol 17 tal-proċess.

3. Il-korporazzjoni konvenuta agixxiet skont il-ligi meta irrifjutat li trodd lura d-depożitu lis-socjeta attriċi, anki wara l-ezitu tal-proceduri kriminali, u dan stante li skond ir-Regolament 9 tar-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku, dan id-depozitu kellu jintradd lis-soċjeta' attriċi biss jekk din ma tibqax "*konsumatur*" ai termini tal-istess Regolamenti, u jekk is-soċjeta' attriċi tkun ħallset l-ammonti kollha li huma dovuti minnha lill-korporazzjoni konvenuta għall-provvista tal-kurrent elettriku. Dawn iż-żewġ rekwiżiti msemmijin hawn fuq huma kumulattivi. Issa fil-kaz odjern, ma ngabet l-ebda prova li s-socjeta attrici m'ghadhix konsumatur tal-korporazzjoni konvenuta. Fit-tieni lok, il-korporazzjoni konvenuta qieghda tippretendi hlas ta' Lm14,989.50, ghat-terz tat-telf tal-konsum tal-elettriku li hi tallega li s-socjeta attrici ghamlet.

Il-fatt li d-direttur tas-socjeta Joseph Pace gie liberat mill-imputazzjonijiet dedotti kontrih fil-proċeduri kriminali huwa irrelevanti ghal fini tal-proceduri odjerni, ghaliex ma jfissirx li fil-kamp civili, s-soċjeta' attriċi ma tistax tkun debitriċi tal-korporazzjoni konvenuta għall-ammont ta' elettriku li kkonsmat mingħajr ma ħallset għalih u dan minħabba l-irregolaritajiet li nstabu fil-*meter* tagħha, kif fil-fatt l-korporazzjoni konvenuta qed tallega li hi. Skond l-Artikolu 6 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) "*l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentement waħda mill-oħra.*" Iż-żewġ tipi ta' proċeduri huma għalhekk distinti minn xulxin. Dan hu dovut prinċipalment minħabba l-fatt li l-oneru tal-provi huwa differenti fiż-żewġ tipi ta' proċeduri – fil-proċeduri kriminali l-oneru tal-prova huwa dak ta' 'lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni" fil-waqt li fil-proċeduri ċivili l-oneru tal-prova huwa dak "fuq bazi ta' probabbilita" – cioe l-oneru tal-prova fil-kamp civili huwa inqas minn dak fil-kamp kriminali.

Din il-Qorti mhix se tidhol fil-kwistjoni jekk l-ammont pretiz mill-korporazzjoni konvenuta minghand is-socjeta attrici hux dovut jew le, stante li ma saret l-ebda kontro-talba f'dawn il-proceduri.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, din il-Qorti ma tarax kif it-talba tas-socjeta attrici tista' tigi milqugha.

**Konklużjoni**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti:

1. Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta (gia korporazzjoni konvenuta) taht l-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili,
2. Tilqa l-eccezzjonijiet l-ohra tas-socjeta konvenuta (gia korporazzjoni konvenuta) u
3. Konsegwentement tichad it-talbiet kollha tas-soċjeta' attriċi.

L-ispejjeż ghandu jigu subiti kwantu tlett kwarti (3/4) mis-soċjeta' attriċi u l-kwart (1/4) l-iehor mis-socjeta konvenuta.

**Maġistrat**

**Dott. Alan Żerafa**

**Deputat Reġistratur**